MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2013

Numru. 626/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Pulis**

**VS**

**Christian Sant, iben Paul u Rita nee' Sant, imwieled Romania nhar l-10 ta' Dicembru, 1992, residenti fil-fond numru 37, Triq il-Pont, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 0591992M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Christian Sant** li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Mejju, 2013, u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data, gewwa Poultons Ltd, Bulebel Industrial Estate, limiti taz-Zejtun, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar it-28 ta' Mejju, 2013, u/jew fil-gimghat ta' qabel, minn gewwa fabbrika fl-issem ta' Poultons Ltd, f'Tal-Barrani, limiti taz-Zejtun, ikkommetta serq ta' flus kontanti, cekkijiet u ghodod, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Anthony Pace u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat registrata mal-prezentata b'arrest.

Rat ukoll illi l-imputat ghamel obbligazzjoni fl-atti tal-Qorti illi kellu jirresttitwixxi s-somma ta' €930, kif ukoll tar-res furtiva mhux s'issa rekuperata;
Rat ukoll illi l-imputat gia' rritorna parti mir-res furtiva.

Rat ukoll illi l-imputat ikkopera fit-total mal-Ufficjal Prosekutur, anke ghall-fatt illi hu mill-ewwel ikkopera mal-pulizija.

Rat ukoll il-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

In vista' ta' hekk, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Christian Sant** hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 270, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tqis ukoll illi t-tieni akkuza hija wahda alternattiva, ghaldaqstant qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'

Malta; kif ukoll taghmel Ordni ta’ Restituzzjoni taht l-istess Kapitolu ai termini tal-Artikolu 24, b’dan illi r-res furtiva (ghodda) ghandha tigi ritornata lill-Ufficjal Prosekutur innifsu sa ghada nhar it-30 ta’ Gunju, 2013 sa nofsinhar gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq; mentri s-somma ta’ €930 ghandha tithallas sal-gurnata tal-14.08.2013 lill-istess Ufficjal Prosekutur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------